**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

**Rikors nru: 177/2016 CFF**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Massimiliano Gatt**

**Illum it-Tlieta 4 t'Ottubru, 2016**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hdax-il elf, mitejn u erbgha u disghin Ewro u erbatax-il centezmu (€11,294.14) bilanc ghad-debitu fil-"Budget Account u Credit Card Loan Account" tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A3" u :"B") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-24 ta' Mejju, 2016 sad-data ta' l-effettiv pagament, liema Loans gew moghtija lilu permezz ta' zewg skritturi privati datati 19 t'April, 2005 (Dok. "C") u 13 ta' Frar, 2012 (Dok. "D").

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati hawn fuq indikati (Dok "C" u "D") partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Massimiliano Gatt (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffetwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-

konvenut iddekada mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 24 ta' Frar, 2014 (Dok "E") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut Massimiliano Gatt gie notifikat fis-6 t'Awwissu, 2016 pero' la deher u lanqas ipprezenta risposta fis-seduta tas-27 ta' Settembru, 2016.

Rat li fl-istess seduta, is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta sussegwenti tal-4 t'Ottubru, 2016, il-konvenut imsejjah tlett darbiet rega' naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta' attrici ghandha titqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hdax-il elf, mitejn u erbgha u disghin Ewro u erbatax-il centezmu (€11,294.14), bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 24 ta' Frar, 2014 (Dok "E") u tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment mal-kawza, kontra l-konvenut u bl-imghax legali b'effett mill-24 ta' Mejju, 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**